MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 1150/2007/1

**Joseph Zammit Tabona bħala Chairman għan-nom u in rappreżentanza tal-Malta Stock Exchange p.l.c (C42525)**
**u Jill armla ta' Alfred Camilleri,**
**Stephen Camilleri u Michelle Camilleri,**
**dawn l-aħħar tlieta għal kull interess li jista' jkollhom**

**v.**

**Joseph N Tabone għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` "Citadel Insurance PLC" u din in rappreżentanza legali ta'**
**"Le Assicurazioni d'Italia S.p.A – Assitalia"**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

B’rikors ppreżentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta’ Novembru, 2007 l-atturi ssottomettew:
“(1). Illi s-socjeta` ntimata harget a favur tar-rikorrenti ‘Business Travel Insurance Policy’ Numru AC 5900592006351 biex tkopri mpjegati tal-Malta Stock Exchange ghal ‘Accidental Bodily Injury and Medical Expenses’ li jistghu jigu sofferti minnhom in konnessjoni mal-business tal-istess Stock Exchange;

“(2) Illi fil-11 ta’ Novembru 1992 is-socjeta` ntimata giet infurmata illi Alfred Camilleri, Chairman tal-Malta Stock Exchange kien sejjer jivvjagga fuq xoghol tal-Exchange fi Brussels, Brazil u Argentina tul il-perjodu tat-12-30 ta’ Novembru 1992.

“(3) Illi meta l-istess Alfred Camilleri fit-18 ta’ Novembru 1992 kien il-Brazil ghereq f’incident u miet.

“(4) Illi skond it-termini tal-imsemmija polza s-socjeta` ntimata kienet obbligata li thallas lis-socjeta` assikurata cioe’ lis-socjeta` rikorrenti somma ta’ flus kif specifikata fl-‘Schedule of Benefits’ annessa mal-istess polza fil-kaz bil-persuni hemm imsemmija, fosthom ic-Chairman Alfred Camilleri, jsofri Bodily Injury kagunata b’incident li jwassal ghall-mewt u dan matul il-vjagg li jsir in konnessjoni mal-business tal-Malta Stock Exchange, kif fil-fatt gara f’dan il-kaz;

“(5) Illi s-socjeta` rikorrenti b’citazzjoni pprezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fid-9 ta’ Lulju 1993 fil-kawza fl-ismijiet ‘Patrick Staines Noe –vs- David Curmi Noe’ (Citaz. Nru 953/93) talbet lil din il-Qorti biex tiddikjara illi s-socjeta` ntimata kienet obbligata thallas id-danni kollha rizultanti mill-mewt ta’ Alfred Camilleri, lis-socjeta` rikorrenti skond it-termini tal-Polza tal-Assikurazzjoni Numru AC 5900592006351 mahruga minnha favur l-istess socjeta` rikorrenti.

“(6) Illi b’sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta’ Jannar 1999 iddecidiet il-kawza billi laqghet it-talba tas-socjeta` rikorrenti u ddikjarat illi s-socjeta` ntimata hija obbligata li thallas id-danni kollha rizultanti mill-mewt ta’ Alfred Camilleri skond it-termini tal-Polza tal-Assikurazzjoni in kwistjoni, b’riserva illi s-socjeta` rikorrenti titlob il-likwidazzjoni ta’ dawn id-danni f’gudizzju separat.

“(7) Illi s-socjeta` ntimata appellat din is-sentenza u l-Qorti tal-Appell b’sentenza moghtija fid-9 ta’ Jannar 2007 cahdet l-appell tas-socjeta` ntimata u kkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjez (Dok B)

“(8) Illi s-socjeta` ntimata fis-7 ta’ Mejju 2007 hallset lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ mitt elf lira flus Maltin (Lm100.000) skond it-termini tal-istess polza flimkien ma’ l-ispejjez tal-kawza u VAT kif jidher mill-annessa ‘Discharge Form’ (Dok C).

“(9) Illi s-socjetajiet kontendenti ftehmu illi s-socjeta` rikorrenti kienet qieghda taccetta l-imsemmija somma minghajr pregudizzju ghal kull ammont ta’ danni ulterjiuri li kienet intitolata ghalihom skond il-ligi u dan kif jidher mill-imsemmija ‘Discharge Form’.

“(10) Illi fit-28 ta’ Mejju 2007 is-socjeta` rikorrenti nterpellat b’ittra ufficjali lis-socjeta` ntimata biex thallas is-somma ta’ mija u hmistax-il elf, tmien mija u wiehed flus Maltin (Lm115,801.00) in linea ta’ danni rapprezentanti imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma ta’ mitt elf lira flus Maltin (Lm100,000) ghal perjodu 18 ta’ Novembru 1992 - 8 ta’ Mejju 2007 peress illi s-somma dovuta skond il-Polza tal-Assikurazzjoni ma thalsitx meta kienet dovuta u b’hekk is-socjeta` rikorrenti soffriet hsara skond l-Artikli 1139 u 1047 tal-Kodici Civili.

“(11) Illi sal-lum is-socjeta` intimata, bhal qabel, qieghda tirrifjuta li thallas dawn id-danni.”

Għaldaqstant l-atturi rikorrenti talbu illi l-Prim Awla:

“(1) Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-hlas tad-danni minnha sofferti minhabba dewmien ingustifikat tal-esekuzzjoni tal-obbligi taghha li thallas l-ammont dovut skond l-imsemmija Polza tal-Assikurazzjoni meta kien dovut.

“(2) Tikkundanna lis-socjeta` ntimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti in linea ta’ danni s-somma ta’ mija u hmistax -il elf tmien mija u wiehed flus Maltin (Lm115,801.00) rapprezentanti imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma ta’ mitt elf lira flus Maltin (Lm100,000) ghal perjodu 18 ta’ Novembru 1992 – 8 ta’ Mejju 2007 skond il-ligi kif premess.

“(3) Thallas ukoll l-imghax fuq l-imsemmija somma ta’ mija u hmistax -il elf tmien mija u wiehed (Lm115,801.00) mit-8 ta’ Mejju 2007 sad-data tal-eventwali pagament ta’ din is-somma.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Mejju 2007 kontra s-socjeta` ntimata li hija ngunta ghas-subizzjoni.”

Is-soċjeta` intimata ppreżentat risposta fejn jingħad:

“1. Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici m’humiex kontestati.

“2. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kkontestati billi l-attrici kienet innotifikat lill-broker taghha u mhux lill-kumpanija assikuratrici Citadel Insurance plc.

“3. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici m’humiex kontestati.

“4. Illi dwar il-fatti kif dikjarati fir-raba’ paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ghandu jigi pprecizat li l-posizzjoni tal-esponenti kienet li ma kinitx responsabbli li thallas a tenur tal-istess polza; Ghandu jigi sottolineat li l-assigurata kienet il-Malta Stock Exchange.

“5. Illi l-fatti kif dikjarati fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici m’humiex kontestati.

“6. Illi dwar il-fatti kif dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici l-esponenti jirreferu ghas-sentenza in kwistjoni u jirrservaw li jikkumentaw fi stadju ulterjuri;

“7. Illi l-fatti kif dikjarati fis-seba’ paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici m’humiex kontestati.

“8. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tmien paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici m’humiex kontestati.

“9. Illi l-fatti kif dikjarati fid-disa’ paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kkontestati billi fil-fatt l-esponenti qatt m’accettat li kienet responsabbli ghal xi danni fil-konfront tar-rikorrent izda hallset dak li kien minnha dovut ai termini tal-polza;

“10. Illi dwar il-fatti kif dikjarati fl-ghaxar paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici l-esponenti jirriservaw il-pozizzjoni taghhom billi l-ittra ufficjali tghid dak li tghid. Illi l-esponenti kkontestat ir-responsabbilta’ b’ittra ufficjali responsiva tad-(date) – kopja ta’ liema hi hawn annessa (CIT01). Illi l-fatti kkoncernati d-danni huma kkontestati u dan kif ser jirrizulta minn din in-nota ta’ eccezzjonijiet u kif ser jigi spjegat aktar dettaljatament waqt is-smigh tal-kawza. Ghandu jigi pprecizat ukoll li l-Malta Stock Exchange ma gietx ipprivata mit-tgawdija tal-flus taghha u ghalhekk ma tistax tfittex ghad-danni.

“11. Illi l-fatti ddikjarati fil-hdax il-paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kkontestati billi l-esponenti m’hijiex responsabbli li thallas danni lill-attrici.

“12. Illi l-eccipjenti qieghda tressaq is-segwenti eccezzjonijiet kontra t-talbiet tar-rikorrenti.

“12. 1. Fl-ewwel lok li l-kumpanija Citadel Insurance plc m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-werrieta ta’ Alfred Camilleri billi l-assigurata taghha kienet il-Malta Stock Exchange.

“12. 2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost illi l-Malta Stock Exchange ma soffriet ebda dannu kif minnha reklamat billi hi effettivament ma kienet sejra taghmel xejn mill-flejjes dovuti skond il-polza hlief li tghaddihom lill-werrieta ta’ Alfred Camillieri, haga li fil-fatt ghamlet biss malli rceviethom minghand il-kumpanija eccipjenti. Illi l-pozizzjoni forsi kienet tkun differenti kieku l-Malta Stock Exchange hallset il-korrispettiv tal-polza lill-werriet ta’ Alfred Camilleri fl-1992 u ghalhekk il-Malta Stock Exchange ma soffriet ebda dannu.

“12. 3. Illi fit-tielet lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi qualsiasi kaz l-attrici m’hijiex intitolata ghal danni a bazi tal-Artiklu 1139 tal-Kodici Civili u dan ghal dawk ir-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza.

“12. 4. Illi fir-raba’ lok, bla pregudizzju ghas-suespost u fi qualsiasi kaz l-eccipjenti m’hijiex responsabbli ghal danni billi hi agixxiet ragonevolment u in buona fede fil-konfront tal-atturi u fil-fatt hallset l-ammont dovut skond il-polza a bazi ta’ sentenza finali fic-citazzjoni 953/93. Illi l-ecciipjenti ma tahtix ghad-dewmien fil-kawza in kwistjoni billi segwiet l-istess diligentement.

“12. 5. Illi fil-hames lok, sussidjarjament u bla pregudizzju ghas-suespost li, m’humiex dovuti imghaxijiet fuq ammont, li ghalih qatt ma saret kawza mill-atturi quddiem Qorti Civili la biex jigi likwidat u wisq anqas biex jigi mhallas, u dan in vista tal-principju ‘in liquidantis non fit mora’.

“12. 6. Illi fis-sitt lok, li r-riserva tad-danni fic-citazzjoni numru 953/93 kienet intiza biss ghall-ammont principali pagabbli a tenur tal-polza u dan kif jirrizulta mid-dicitura tat-talbiet attrici f’dik il-kawza. Ir-riserva tad-danni kienet tfisser riserva li tigbor l-ammont dovut skond il-polza.

“12. 7. Illi kompletament bla pregudizzju ghas-suespost it-talba ghad-danni, in kwantu mhux limitata

ghall-ammont pagabbli skond il-polza hija preskritta bid-dekors tat-terminu ta' sentejn;

"12. 8. Illi fi qualsiasi kaz it-tielet talba attrici tmur kontra d-dispozizzjonijiet ta' ordni pubbliku billi qieghed jintalab imghax fuq imghax;

"12. 9. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fi qualsiasi kaz, li l-ammont mitlub jirrapprezenta imghaxijiet li jeccedu l-kapital u ghalhekk mhux permessibbli skond il-ligi.

"12.10. Illi bla pregudizzju ghas-suespost li t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti in subizzjoni,

"12.11. Illi ghal kull buon fini qieghed jigi ndikat mill-eccipjent li l-eccezzjonijiet hawn moghtija huma separati u ndipendenti minn xulxin u qeghdin jinghataw kull wahda bla pregudizzju ghall-ohrajn.

"12.12. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

Rat id-digriet a fol. 56 li bih ġew allegati l-atti tal-kawża 953/93GC;

**Is-sentenza appellata.**

Illi b'sentenza parzjali mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 2008 il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ddisponiet miill-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta` konvenuta billi ċaħdet l-istess, bl-ispejjeż għall-intimati u ddifferiet l-kawża għall-kontinwazzjoni. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"**Fatti**

“Il-fatti li taw lok ghal dina l-vertenza huma riportati brevement fin-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti. Dawn il-fatti ma humiex kontestati.

“Ir-rikorrenti talbu b’ittra ufficjali tat-28 ta’ Mejju 2007 minghand l-intimat noe s-somma ta’ Lm115,801.00 danni minhabba dewmien skond l-artikolu 1139 tal-Kap 16 billi l-intimat noe hallas il-kapital dovut skond sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta’ Jannar 2007, pero` aktar minn erbatax-il sena wara l-incident.

“**Talba**

“F’din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara illi s-socjeta` intimata hija responsabbli ghall-hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dewmien ingustifikat fl’esekuzzjoni tal-obbligi tas-socjeta` intimata li thallas l-ammont dovut skond Polza tal-Assikurazzjoni meta kien dovut. Dawn id-danni jkkonsistu fl-imghax fuq is-somma ta’ Lm100,000 mit-18 ta’ Novembru 1992 sas-7 ta’ Mejju 2007.

“It-talba tar-rikorrenti ghad-dawn id-danni hija bazata fuq l-Artikoli 1139 u 1047 tal-Kap 16. Dawn jipprovvdu hekk:

“**Artikolu 1047.** (1) Il-hsara li tikkonsisti f’illi ttellef lil persuna l-uzu tal-flus taghha, tissewwa bil-hlas tal-imghaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena.

“**Artikolu 1139.** Bla hsara ta’ kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-garanzija u s-socjeta`, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta’ somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.

“**Eccezzjoni dwar preskrizzjoni**

“Is-socjeta` intimata qed teccepixxi preliminarjament li t-talba ghad-danni, in kwantu mhux limitata ghall-ammont pagabbli skond l-imsemmija polza, hija preskritta bid-dekors tat-terminu ta’ sentejn a bazi tal-artikolu 2153 tal-

Kap 16 {ara eccezzjoni 12(7)} u bid-dekors ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16. (ara nota a fol 59).

"**Kontestazzjoni**

"Is-socjeta` intimata tissottometti li t-talba fil-kawza 953/93GC kienet ghal somma da likwidarsi, ghalhekk l-imghax mhux dovut hlief wara dik is-sentenza. (ara eccezzjoni 12(5). Billi f'dik l-kawza ma ntalbux imghax u ntalbu biss wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fit 2007, illum dawn jinsabu preskritti a bazi tal-artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kap 16.

"Is-socjeta` intimata tirritjeni li z-zmien tal-preskrizzjoni beda ghaddej mill-prezentata tac-citazzjoni fin 1993 meta giet interrotta l-preskrizzjoni. Ghalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri minn 1993 u mhux mid-data tas-sentenza. Skond is-socjeta` intimata, r-rikorrenti setghu ressqu azzjoni ghad-danni konguntament ma' l-azzjoni ghall-hlas tal-kapital billi dan id-dritt kien indipendenti minn dik it-talba. Id-dritt taghhom ghal danni kien jezisti mid-data tal-ewwel citazzjoni u ma kien hemm xejn x'izommhom milli jaghmlu citazzjoni ghall kollox. Inoltre hija rrilevanti, skond l-intimati, ir-riserva li r-rikorrenti ghamlu fic-citazzjoni li huma kienu ser jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni f'gudizzju separat ghaliex tali riserva ma setghet qatt topera bhala sospensjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni izda biss bhala interruzzjoni, u kien jispetta lilhom li jibqghu jinterrommpu l-preskrizzjoni tul id-dekors tal-kawza koncernanti l-kapital. Hu rrilevanti wkoll ghall intimati l-fatt li fid-Discharge Form tas 7 ta' Mejju 2007 hemm miktub li l-pagament sar "without prejudice to any additional claim…with particular reference to article 1139 of the Civil Code" u dana billi l-intimati jikkontendu li dina saret meta l-preskrizzjoni kienet diga` ddekorriet.

"**Konsiderazzjonijiet**

'Illi fil-kaz in ezami mhiex applikabbili l-preskrizzjoni ta' sentejn taht l-artikolu 2153 tal-Kap 16 billi ma jirrizulta li

gie kommess ebda delitt jew kwazi delitt.  Invece hu applikabbili l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 li jirreferi ghal danni kontrattwali gejjin minn kuntratt li kien hemm bejn il-partijiet.  Jidher li fuq dana, il-partijiet qed jablu ghalkemm is-socjeta` intimata ssostni li dan it-terminu preskrittiv iddekorra billi wara li saret il-kawza fin 1993 ma regghax sar att interruttiv iehor apparti c-citazzjoni min-naha tar-rikorrenti.

“Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq l-artikolu 1139 tal-Kap 16 u hija ghal danni minhabba dewmien fil-hlas tal-ammont dovut taht Polza ta’ Assikurazzjoni.  Ir-rikorrenti mhux qed jitolbu imghax fuq somma li giet likwidata bis-sentenza fit 2007, imma danni, konsistenti f’imghax bit-8 fil-mija, minhabba dewmien fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni li s-socjeta` intimata thallas l-ammont dovut skond Polza tal-Assikurazzjoni meta kien dovut.

“L-azzjoni li r-rikorrenti ressqu fl-1993 kienet ghal dikjarazzjoni ta’ responsabbilita` ghad-danni sofferti u eventwali kundanna ghal hlas mill-intimati.  Il-hlas eventwalment sar wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell.  Il-kawza odjerna pero` ma hiex kontinwazzjoni tal-kawza tal-1993.

‘Skond ir-rikorrenti l-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna bdiet jiddekorri minn dakinhar li din l-azzjoni setghet tigi ezercitata u fil-kaz in ezami dan kien minn meta l-kreditu ghad-danni taht l-artikolu 1139 tal-Kap 16 gie ezigibili.  Huma jaghmlu referenza ghall-artikolu 2137 tal-Kap 16 li jghid hekk:

“Bla hsara ta’ disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista’ tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss”.

“Fil-kaz in ezami l-azzjoni hija bazata fuq dewmien tal-hlas dovut, ghalhekk l-azzjoni setghet biss tigi intavolata wara li l-Qorti tal-Appell iddeterminat ir-responsabbilita` tal-intimati ghal hlas tal-ammont dovut u meta l-intimat noe effettivament hallas.  Kien biss wara d-data tas-sentenza li

wiehed seta’ jkun jaf x’kien il-perjodu tad-dewmien tal-hlas u ghalhekk minn meta beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv. Il-kwistjoni jekk ir-rikorrenti ghandhomx dritt jitolbu dawn id-danni hija kwistjoni fil-mertu.

“**Il-principju *contra non valentem agere non currit praescriptio*** gie milqugh mill-gurisprudenza taghha peress li jaghti lok ghall-konservazzjoni tal-jedd kontra l-estinzjoni tal-azzjoni fil-kaz ta' impediment ta' dritt, u dan jissuccedi fil-kaz fejn l-azzjoni gudizzjarja li tkun qed tigi ezaminata biex jigi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament gudizzjarju iehor, li sakemm ma jigix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perjodu preskrittiv jibda u jibqa' miexi.

“Bhala ezempju, dan jokkorri fejn l-ezercizzju tad-dritt ikun subordinat ghall-ezitu ta' xi proceduri li jkunu "in korso". Kif intqal mill-Qorti Kummercjali, fit-2 ta' Gunju 1930, in re Bianco v. Demarco, citata wkoll b'approvazzjoni fis-sentenzi Paolo Kulodrovich v. Carmelo Muscat, deciza fl-1 ta' Gunju 1959, u Joseph Chircop et v. Salvatore Muscat nomine, deciza fit-28 ta' April 2000:

"*la subordinazione di un'azione ad un altra puo aver luogo o perche` l'accertamento di un diritto sia l'antecedente logico e necessario per l'esercizio di un altro diritto, o perche l'esercizio di una data azione non sia permessa dalla legge se non dopo che siasi esaurito il gudizio intorno ad un altro rapporto giuridico a cui l'azione si riconnette."*

“Meta dan jigri il-preskrizzjoni ghar-rigward tat-tieni azzjoni tibqa' sospiza. Dan bl-applikazzjoni tal-massima "*contra non valentem agere non currit praescriptio*". Massima, din li giet trattata *funditus* fid-decizjoni tal-15 ta' Frar 1965, in re Diego Attard et nomine v. Angelo Fenech, b'rassenja tad-diversi dissensi dottrinali fost it-trattisiti fuq il-principju. Hu cert, pero`, dejjem skond din l-istess sentenza, illi l-Qrati taghna wrew ruhhom disposti li jaghtu effett lill-principju kontenut fil-massima, almenu zgur ghal dawk li huma impedimenti ta' dritt.

“Fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 1994, fil-kawza fl-ismijiet Xuereb v. Zammit, saret analizi tal-gurisprudenza in materja, giet stabbilita r-regola illi:

"meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun semplicement dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m'ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u, konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni." (Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Agius vs Spiteri 29/2/2008)

“Fil-kaz in ezami kien biss wara d-data tas-sentenza li wiehed seta’ jkun jaf x’kien il-perjodu tad-dewmien tal-hlas u ghal-liema perjodu setghu jitolbu d-danni r-rikorrenti u konsegwentement minn meta beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv. F’dan il-kaz il-perjodu ta’ hames snin ghadu ma ddekorriex billi s-sentenza nghatat fl-2007.

“Is-socjeta` intimata tirritjeni wkoll li m’humiex dovuti imghaxijiet fuq ammont, billi ghalih qatt ma saret kawza mir-rikorrenti quddiem Qorti Civili la biex jigi likwidat u wisq anqas biex jigi mhallas, u dan in vista tal-principju ‘in liquidantis non fit mora’

‘Il-Qorti tirrileva li t-talba tar-rikorrenti fil-kawza odjerna mhiex ghall-imghax imma ghad-danni. Inoltre jigi rilevat li talba fil-kawza 953/93 GC kienet ghal somma determinata ta’ LM100,000 skond il-Polza ta’ assikurazzjoni. Fil-fatt is-socjeta` rikorrenti fic-citazzjoni imsemmija kienet talbet lill-Qorti biex tiddikjara illi s-socjeta` ntimata kienet obbligata thallas id-danni kollha rizultanti mill-mewt ta’ Alfred Camilleri, lis-socjeta` rikorrenti skond it-termini tal-Polza tal-Assikurazzjoni Numru AC 5900592006351 mahruga minnha favur l-istess socjeta` rikorrenti. Illi skond it-termini tal-polza ta’ assikurazzjoni s-socjeta` ntimata kienet obbligata li thallas somma ta’ flus kif specifikata fl-

‘Schedule of Benefits’ annessa mal-istess polza fil-kaz ta’ bodily Injury kagunata b’incident li jwassal ghall-mewt, kif fil-fatt gara f’dan il-kaz. Illi ghalhekk mhux il-kaz ta’ *‘in liquidantis non fit mora’*

**L-appell tas-soċjeta` konvenuta.**

Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata bis-sentenza fuq riportata u għalhekk b’rikors ippreżentat fit-28 ta’ Ottubru, 2008 talbet li, għar-raġunijiet hemm mogħtija, din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi biex tilqa’ l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata minnha, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellati.

L-atturi appellati ressqu risposta għall-appell tas-soċjeta` konvenuta fejn, anke għar-ragunijiet hemm mogħtija, talbu li l-appell tas-soċjeta` appellanti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma ben riportati fir-rikors promotorju in suċċint pero` jista’ jingħad li l-atturi qed jitolbu li s-soċjeta` konvenuta tiġi dikjarata responsabbli għad-danni a tenur tal-Artikoli 1139 u 1047 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta minħabba dewmien inġustifikat da parti tas-soċjeta` konvenuta li teżegwixxi l-obbligazzjonijiet tagħha taħt polza ta’ assikurazzjoni. Infatti bi proċeduri istitwiti fl-1993 l-atturi odjerni kienu ħarrku lis-soċjeta` konvenuta u talbu li jiġi dikjarat li l-istess soċjeta` kienet obbligata li tħallas id-danni kollha riżultanti mill-mewt ta’ Alfred Camilleri skond it-termini tal-polza ta’ assikurazzjoni minnha maħruġa. Dawk il-proċeduri kienu ġew determinati finalment b’sentenza ta’ din il-Qorti tas-9 ta’ Jannar, 2007, wara liema sentenza tħallas l-ammont dovut skond l-istess polza.

Dan hu appell minn sentenza preliminari fejn l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta` konvenuta ġiet miċħuda billi l-ewwel Qorti, wara li applikat il-prinċipju

"*contra non valentem agere non currit praescriptio*" irriteniet li "*Fil-każ in eżami kien biss wara d-data tas-sentenza li wieħed seta' jkun jaf x'kien il-perjodu tad-dewmien tal-ħlas u għal-liema perjodu setgħu jitolbu d-danni r-rikorrenti u konsegwentement minn meta beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv*."

L-aggravji tas-soċjeta` konvenuta appellanti huma, in succint, dawn:

1) Qed jiġi sottomess fl-ewwel lok li l-ewwel Qorti ma applikatx korrettement il-prinċipju li hi stess invokat.

2) Fit-tieni lok qed jiġi sottomess li jidher li fid-deċiżjoni tagħha l-ewwel Qorti injorat għal kollox il-prinċipji applikabbli għall-każ odjern rigward id-distinzjoni bejn l-interruzzjoni u s-sospensjoni tal-preskrizzjoni.

3) Fl-aħħarnett ġie sottomess li l-ewwel Qorti kienet kontradittorja fir-raġunament tagħha fl-aħħar żewġ paragrafi tal-konsiderazzjonijiet li għamlet.

**Ikkunsidrat:**

Bħala regola ġenerali huwa stabbilit fl-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li "*il-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżercitata".* Dan l-artikolu jirrifletti il-qofol tal-prinċipju enunċjat fil-massima rumana "*Agere non valenti non currit praescriptio*". Dan il-prinċipju, kif sewwa ngħad fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża **Emilio Agius v. Joseph Spiteri** deċiża fid-29 ta' Frar, 2008 "*ġie milqugħ mill-ġurisprudenza tagħna peress li jagħti lok għall-konservazzjoni tal-jedd kontra l-estinzjoni tal-azzjoni fil-każ ta' impediment ta' dritt".* F'dik is-sentenza il-Qorti kompliet hekk *"dan jissuċċedi fil-każ fejn l-azzjoni ġudizzjarja li tkun qed tiġi eżaminata biex jiġi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le tkun neċessarjament tiddipendi minn pronunzjament ġudizzjarju iehor, li sakemm ma jiġix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perjodu preskrittiv jibda u jibqa' miexi."*

Fil-każ in eżami, kif ġja rajna aktar ‘l fuq, l-azzjoni attriċi m’hijiex waħda għall-kundanna  għal ħlas ta’ imgħaxijiet iżda għal ħlas ta’ danni a tenur ta’ dak li hemm provdut fl-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.  Dan l-artikolu jipprovdi li “*Bla ħsara ta’ kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjeta`, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta’ somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena*”.  Infatti l-atturi jikkontendu li, ġialadarba il-polza ta’ Assikurazzjoni maħruġa mis-soċjeta` konvenuta kienet tikkontempla l-ħlas tas-somma ta’ LM100,000 fil-każ tal-mewt ta’ Alfred Camilleri, li miet fis-sena 1992, liema pagament ġie effettwat biss in konsegwenza tas-sentenza ta’ din il-Qorti tas-sena 2007, dan id-dewmien inġustifkat jagħti lok għar-riżarċiment tad-danni kontemplati fl-artikolu imsemmi.

Il-kwistjoni li qed tiġi dibattuta f’dan l-istadju ta’ dawn il-proċeduri ma tikkonċernax daqstant id-dritt tal-atturi li jipperċepixxu dawn id-danni, billi kif sewwa osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, “*Il-kwistjoni jekk ir-rikorrenti għandhomx dritt jitolbu dawn id-danni hija kwistjoni fil-mertu*”.  Iżda d-dibattitu jikkonċerna l-kwistjoni jekk dan id-dritt għadux viġenti jew le.  F’dan il-kuntest il-konvenuti jikkontendu li t-talba għad-danni, inkwantu mhux limitata għall-ammont pagabbli skond il-polza, hija preskritta bid-dekors tat-terminu ta’ sentejn jew dak ta’ ħames snin kontemplat fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Dan qed jingħad billi l-konvenuti jsostnu li ma kien hemm ebda impediment għall-atturi nkwantu t-talba tal-appellati ma kenitx tiddipendi minn aċċertament ta’ dritt li huwa loġiku u neċessarju biex jiġi eżerċitat id-dritt pretiż minnhom.  “*Dan għaliex*” jgħidu l-appellanti “*kien faċli għall-appellati li mat-talba tal-ewwel kawża li għamlu, u ċioe` tal-kawża miftuħa biċ-ċitazzjoni tad-9 ta’ Lulju, 1993, jitolbu wkoll il-likwidazzjoni tad-danni u l-interessi fuq is-somma pretiża mid-data tal-inċident sad-data tas-sentenza.*”

Din il-Qorti pero` ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Minn eżami taċ-ċitazzjoni fil-proċeduri 953/93 jidher li l-atturi f'dawk il-proċeduri qatt ma ndikaw l-ammont li kellu jitħallas skond il-polza u llimitaw t-talba tagħhom għall-dikjarazzjoni ġudizzjarja li "*s-soċjeta` konvenuta hija obbligata tħallas id-danni kollha riżultanti mill-mewt ta' Alfred Camilleri lis-soċjeta` attriċi skond it-termini tal-Polza ... maħruġa minnha favur l-istess soċjeta` attriċi*". Dawk il-proċeduri kienu ittieħdu in vista tal-fatt li s-soċjeta` assikuratriċi kienet, b'ittra tat-3 ta' Marzu, 1993, ċaħdet kull obbligu li tħallas a tenur tal-kondizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni. Infatti f'dik l-ittra David Curmi, dak iż-żmien Direttur Maniġerjali ta' Citadel Insurance Services Ltd kiteb hekk: "*We regret to inform you that the claim cannot be met because cover did not attach at the time of the happening of the accident in question.*" Kien għalhekk li l-istess soċjeta` konvenuta f'dawk il-proċeduri eċċepiet illi t-talbiet tal-atturi kollha għandhom jiġu miċħuda stante illi l-ħajja tas-Sur Alfred Camilleri ma kenetx koperta taħt il-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni fil-ħin meta` huwa miet ....". Id-dibattitu f'dik il-kawża, għalhekk, ma kienx jikkonċerna *quantum* iżda pjuttost u limitatament l-obbligazzjonijiet assunti taħt l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni. Kien għalhekk li, korrettament, ġialadarba ma kienx hemm ammont imsemmi la fil-premessi u lanqas fit-talba attriċi, li setgħux jintalbu mgħaxijiet kif ġie propost mill-konvenuti appellanti.

Bis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar, 1999, kif ikkonfermata minn din il-Qorti b'sentenza tad-9 ta' Jannar, 2007, kien ġie determinat id-dritt tal-atturi u konsegwentement l-obbligu tas-soċjeta` konvenuta li tonora l-*claim* li kienet saritilha. Il-pagament tal-LM100,000 kien konsegwenza naturali tal-kopertura kontemplata fl-istess polza. F'dak il-mument, għalhekk, twieled id-dritt tal-atturi li jistitwixxu dawn il-proċeduri billi rriżulta li ċ-ċaħda tal-assikurazzjoni li tonora l-polza kienet inġustifikata u konsegwentement id-dewmien fil-ħlas kien daqstant inġustifikat. Jista' jingħad ukoll, f'dan il-kuntest, li ma kien hemm xejn xi jżomm lis-soċjeta` konvenuta li, wara s-sentenza ta' din il-Qorti ta' Jannar, 2007, ma tħallasx il-kumpens dovut billi f'dik is-sentenza ma

jissemma' ebda ammont. F'dik l-eventwalita` l-atturi odjerni, atturi f'dik il-kawża, kienu jkunu kostretti jipproċedu għar-riżarċiment tad-danni skond il-polza u f'dak il-każ, billi hemm kien ikun meħtieġ li jissemma' ammont, kien ikun opportun li jintalbu l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.

A propożitu, din il-Qorti f'sentenza mogħtija fis-26 ta' Gunju, 2009 fil-kawża fl-ismijiet **Muscat v. Muscat Scerri** f'sitwazzjoni analoga, iċċitat b'approvazzjoni dak li kienet qalet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Portelli v. Attard** deċiża fl-20 ta' Marzu, 1997 fejn ġie ritenut li "*meta d-danni ma jiġux determinati f'mument wieħed, iżda jibqgħu javveraw ruħhom tul iż-żmien, b'mod li jista' jingħad li l-ħsara qegħdha kontinwament issir, kif jidher li qed jiġri f'dan il-każ, it-terminu ta' preskrizzjoni jkun kontinwament qed jiġi "interrot", u dan it-terminu ma jibdiex jgħaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xogħlijiet meħtieġa biex il-ħsara tieqaf tkompli ssir*". Fil-każ in eżami mhux qed nitkellmu dwar xogħlijiet, iżda l-prinċipju jibqa' l-istess billi l-ħsara, ossia dannu, soffert mill-atturi baqa' dejjem jiżdied kemm damet is-soċjeta` konvenuta tippersisti fil-kontenzjoni tagħha li ma kinitx obbligata li tħallas skond il-polza. Fil-mument li dan l-obbligu ġie determinat u saħansitra fil-mument li sar il-pagament a tenur tal-poza ta' assikurazzjoni, l-atturi setgħu jistabilixxu l-ammont ta' danni lilhom dovuti a tenur tal-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Qabel ma ġara dan, id-danni reklamati baqgħu dejjem jiżdiedu *dietim*, bil-konsegwenza li l-preskrizzjoni ma setgħetx tibda tiddekorri.

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-ewwel aggravju tal-appellanti ma jirriżultax ġustifikat.

Dan premess din il-Qorti ma tara ebda ġustifikazzjoni li teżamina it-tieni u tielet aggravju mressqa mill-appellanti billi l-parti dispożittiva tas-sentenza hija limitata għaċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kontemplata fil-paragrafu 12(7) tan-nota tal-eċċezzjonijiet (ara f'dan ir-rigward dak li jingħad fil-paġna 8 u 9 tas-sentenza appellata taħt il-paragrafu intestat "**Eċċezzjoni dwar**

**preskrizzjoni**") u dik il-Qorti ma ppronunzjatx ruħha b'mod definitiv dwar dawn l-aspetti tal-każ, għalkemm fil-konsiderandi għamlet xi riflessjonijiet. Għalhekk din il-Qorti qed tħalli impreġudikati dawn l-aspetti tal-kontestazzjoni.

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, l-appell tas-soċjeta` konvenuta qed jiġi miċħud, bl-ispejjeż ta' dan l-inċident kontra tagħha. Tordna li l-atti tal-kawża jiġu rinvjati quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni skond il-liġi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------